MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' April, 2009

Citazzjoni Numru. 240/2001/1

**Charles, f'ismu propju kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tal-assenti Salvatore u John, u Agostino, lkoll ahwa Bartolo u b'digriet tat-3 ta' April 2003, l-Qorti ordnat t-trasfuzjoni tal-gudizzju fl-ismijiet ta' Joseph Stanley Bartolo, Monica Maria Bartolo u Glorianne Jane Bartolo minflok dak ta' ta' Salvatore Bartolo *stante* l-mewt ta' Salvatore Bartolo fl-24 ta' Novembru 2001.**

**vs**

**Francis Caruana, u ghal kull interess li jista' ikollhom Joseph, Paola, Maria, u Doris mart Joseph Cuschieri, ilkoll ahwa Bartolo, u Giuseppi Caruana.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 13 ta’ Frar 2001 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Joseph R. Micallef fejn gie premess:-

Illi l-atturi flimkien mal-konvenuti Joseph, Paola, Maria u Doris mart Joseph Cuschieri ilkoll ahwa Bartolo, huma Ikoll ko-inkwilini tar-razzett u raba’ ta' madwaru li jinsab fi Pwales Road, San Pawl il-Bahar;

Illi l-konvenut Francis Caruana jokkupa r-razzett u jahdem ir-raba’ fuq imsemmija;

Illi din il-proprjeta` giet moghtija lill-konvenut Giuseppi Caruana minn Giuseppe Bartolo, li jigi missier il-kontendenti l-ohra, l-ahwa Bartolo;

Illi l-partijiet ghal dan il-ftehim, cioe' Giuseppe Bartolo u l-konvenut Giuseppi Caruana, ftehmu illi parti, ossia terz, mill-profitti tal-prodott imkabbar fuq din il-proprjeta` jinzamm mill-imsemmi Giuseppe Bartolo;

Illi l-imsemmi Giuseppe Bartolo miet fis-27 ta' Gunju 1984, u ghalhekk wara l-mewt tieghu sehemu mill-profitti msemmija fil-paragrafu precedenti huwa dovut lill-werrieta tieghu, cioe' l-atturi u l-konvenuti l-ohra l-ahwa Bartolo;

Illi l-atturi qatt ma rcevew la minghand il-konvenuti Francis Caruana jew Giuseppi Caruana, u l-anqas minghand il-konvenuti l-ohra, sehemhom minn dawn il-profitti;

Illi *inoltre* din il-koncessjoni saret bil-kondizzjoni illi l-proprjeta` tinghata lura lil Giuseppe Bartolo fuq semplici talba tieghu;

Illi *nonstante* li gie mitlub diversi drabi sabiex jirrilaxxja l-proprjeta` in kwistjoni, il-konvenut Francis Caruana baqa' inadempjenti;

Illi *inoltre* l-konvenut Francis Caruana qieghed juza' r-razzett sabiex izomm l-annimali fih, meta dan ma kienx permess, u *inoltre* halla l-istess razzett jizdinga ruhu;

Illi ghalhekk l-istess atturi talbu lis-socjeta` konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tordna lill-konvenut Francis Caruana sabiex jirrilaxxja u jirritorna r-razzett u r-raba’ ta' madwaru a favur tal-atturi u huthom il-konvenuti ahwa Bartolo, u dan fi zmien qasir u perentorju;

2. Tillikwida sehem l-atturi mill-profitti kollha derivanti mill-uzu tar-razzett u r-raba’ ta' madwaru ghas-snin kollha li ilu hekk uzat mill-konvenuti Francis Caruana u/jew Giuseppi Caruana okkorrendo bil-hatra ta' periti nominandi;

3. Tordna lill-konvenuti Francis Caruana u/jew Giuseppi Caruana sabiex ihallsu lill-atturi s-somma li tigi hekk likwidata bhala sehemhom mill-profitti derivanti mill-uzu tar-razzett u r-raba’ ta' madwaru ghas-snin kollha li ilu hekk uzat;

Bl-imghaxijiet legali, u bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 14 ta' Jannar 2000, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni, u b'rizerva ghal kull azzjoni ta' danni spettanti lilhom fil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa fol. 20 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh minn din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Joseph R. Micallef ghas-seduta tat-3 ta’ April 2001.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti ahwa Bartolo datata 5 ta’ Marzu 2001 a fol. 25 tal-process fejn gie eccepit:-

(1) Illi fl-ewwel lok l-eccipjenti ahwa Bartolo ma humiex il-legittimi kontradittjuri tal-attur proprju et *nomine* u ghaldaqstant ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-

giudizzju, *stante* li t-talbiet attrici kif dedotti fic-Citazzjoni odjerna ma gewx diretti kontrihom.

(2) Illi fit-tieni lok u bla pregudizzju, l-gudizzju mhux integru billi ma gewx citati l-eredi kollha tal-mejjet Giuseppe Bartolo.

(3) Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju, it-talbiet tal-attur *proprio et nomine* kif diretti kontra l-eccipjenti ahwa Bartolo ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur *proprio et nomine*, *stante* li l-azzjoni odjerna ma hijiex guridikament sostenibbli *a causa* tal-fatt li bejn l-attur *proprio et nomine* u l-eccipjenti hemm pendenti proceduri giudizzjarji ohra li jikkreaw ostakolu ghall-prosegwiment ta' din l-azzjoni. Dawn il-proceduri gudizzjarji huma l-kawza fl-ismijiet **"Carmel sive Charles Bartolo pro et noe vs Joseph Bartolo" Citaz. Nru. 1948/00/JRM,** pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti realtiva ghal rendikont tal-amministrazzjoni *da parte* tal-istess Joseph Bartolo tal-assi ereditarju tal-ġenituri tal-partijiet kontendenti, cioe` l-mejtin Angela u Joseph konjugi Bartolo, u l-kawza pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **"Carmelo sive Charles Bartolo pro et noe"** Citaz. Nru 2386/98/GCD, relattivament ghal likwidazzjoni u divizjoni tal-assi tal-mejtin Giuseppe u Angela konjugi Bartolo bejn il-partijiet kontendenti.

(4) Illi fir-raba' lok u bla pregudizzju t-talbiet tal-attur *proprio et nomine* fil-mertu, ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur propio et *nomine stante* li huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti ahwa Bartolo a fol. 26 tal-process.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Francis Caruana u Giuseppi Caruana datata 14 ta' Marzu 2001 a fol. 28 tal-process fejn eccepixxa:-

1. Illi preliminarjament, it-talba attrici hija nulla u irrita *stante* illi uhud mill-konvenuti huma wkoll allegatament ko-inkwilini tal-istess razzett u raba’, u ghaldaqstant ma tistax issir talba kif dedotta fl-ewwel talba, u cioe` l-izgumbrament tal-konvenuti Francis Caruana u Giuseppi Caruana a favur anke ta’ Joesph, Paola, Maria u Doris ahwa Bartolo ladarba dawn gew indikati wkoll bhala konvenuti.

2. Illi *in vista* tal-fatt illi uhud mill-ahwa Bartolo gew ndikati bhala konvenuti, jsegwi illi dawn ma ghandhomx interess fl-izgumbrament tal-konvenuti Caruana; illi l-azzjoni hija wahda indivizibbli u ghaldaqstant, ma tistax issir talba ghall-izgumbrament minn uhud biss mill-inkwlini.

3. Illi *inter alia*, jehtieg li l-atturi jipprovaw l-interess guridiku taghhom b’referenza ghat-titolu ta’ proprjeta` relattiv.

4. Illi t-tieni u tielet talba attrici ghandhom jigu respinti wkoll bl-ispejjez kontra l-atturi *stante* illi l-konvenuti Caruana dejjem hallsu s-sehem dovuta mill-profitti tal-prodott, u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u jekk l-atturi ma hadux sehemhom ghandhom jirreklamaw sehemhom minghand il-konvenuti ahwa Bartolo.

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri premessi mil-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti Caruana a fol. 29 u 30 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef Joseph R. Micallef fejn fis-seduta tal-14 ta’ Gunju 2001 l-Avukat Dr. Graziella Bezzina f’isem il-konvenuti Caruana irtirat l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-klijenti taghha.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tas-27 ta’ Novembru 2001 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr. Graziella Bezzina, il-konvenuti

Caruana prezenti, u Dr. Gabriella Vella ghall-konvenuti Bartolo prezenti u l-kawza giet differita *sine die.*

Rat ir-rikors ta’ Charles Bartolo *pro et noe* datat 30 ta’ Novembru 2001 a fol. 39 tal-process ghar-riappuntament tal-kawza u l-kawza giet riappuntata b’digriet datat 4 ta’ Dicembru 2001 (fol. 40) ghas-17 ta’ Jannar 2002.

Rat in-nota tal-atturi datata 26 ta’ Frar 2002 fejn gie esebit l-affidavit ta’ Charles u Agostino Bartolo (fol. 44).

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fid-19 ta’ Gunju 2002 quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onor. Mhallef David Scicluna fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Veronica Aquilina sabiex tigbor il-provi.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Veronica Aquilina, ix-xhieda quddiemha prodotta ta’ Wistin u Joseph Bartolo u d-dokumenti esebiti (fol. 51).

Rat ir-rikors tal-atturi datat 25 ta’ Marzu 2003 a fol. 65 tal-process fejn talbu sabiex stante l-mewt tal-attur Salvatore Bartolo ssir t-trasfuzjoni tal-atti favur uliedu Joseph Stanley Bartolo, Monica Maria Bartolo u Gloriana Jane Bartolo, ahwa Bartolo, u b’digriet datat 3 ta’ April 2003 (fol. 71) tali talba giet milqugha.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mid-data tas-17 ta’ Jannar 2003 sat-18 ta’ Ottubru 2005

Rat ir-rikors tal-atturi datat 30 ta’ April 2003 (fol. 76) fejn talbu n-nomina ta’ perit tekniku u b’digriet datat 4 ta’ Lulju 2003 (fol. 78) il-Qorti laqghet it-talba u hatret lill-Perit Valerio Schembri sabiex jispezzjona r-razzett u jirrelata dwar l-istat li jinsab fih, u l-uzu li qed isir mill-istess razzett u r-raba’ ta’ madwaru mill-konvenuti.

Rat ir-rikors tal-atturi datat 25 ta’ Marzu 2003, u d-digriet tal-Qorti datat 4 ta’ Lulju 2003 fejn cahdet it-talba u wara rikors datat 5 ta’ Settembru 2003, b’digriet datat 7 ta’

Novembru 2003 il-Qorti laqghet it-talba sabiex l-atturi jipproducu bhala xhieda lil Marvic Hili u Carmelo Muscat (fol. 89).

Rat in-nota tal-konvenuti ahwa Bartolo datata 31 ta' Jannar 2006 (fol.142) fejn gew ipprezentati l-affidavits ta' Joseph Bartolo (Dok. "JB"), ta' Paola Bartolo (Dok. "PB"); u Maria Bartolo (Dok. "MB") u d-dokumenti Dok. "A", Dok. "B1" sa Dok. "B3", u Dok. "C1" sa Dok. "C3".

Rat in-nota tal-konvenuti ahwa Bartolo datata 26 ta' April 2006 (fol. 166) fejn gie pprezentat l-affidavit ta' Maria Dolores Cuschieri bhala Dok. "MDC".

Rat in-nota datata 25 ta' Jannar 2007 (fol. 176) li biha gie esebit il-kuntratt datat 29 ta' Awissu 1957 fl-atti tan-Nutar Remigio Zammit Pace (Dok. A.25.01.07).

Rat ir-rapport tal-Perit Tekniku Valerio Schembri datat 14 ta' Mejju 2007 u mahluf fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2007 (fol. 196 sa fol. 253).

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur *pro et noe* datata 22 ta' April 2008 a fol. 416 tal-process.

Rat ir-rikors ta' Charles Bartolo *pro et noe* datat 22 ta' April 2008 a fol. 424 tal-process fejn l-esponenti *pro et noe* talab lill-Qorti sabiex tawtorizza u tordna l-korrezzjoni imsemmija, ossia li fit-tielet talba attrici, wara l-kliem "Giuseppi Caruana" jizdiedu l-kliem "Joseph, Maria u Paola ahwa Bartolo, jew min minnhom"; u l-Qorti, bid-digriet taghha tas-6 ta' Mejju 2008 cahdet it-talba peress li tali korrezzjoni rikjesta ma taqax taht il-parametri tal-artikolu 175 tal-Kap 12.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti Joseph, Maria u Paola ahwa Bartolo datata 3 ta' Gunju 2008 a fol. 432 tal-process.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti Caruana datata 10 ta ' Lulju 2008 a fol. 436 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tal-15 ta' Jannar 2009 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' April 2009.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti fejn il-kawza giet rikjamata ghas-sentenza ghat-28 ta' April 2009.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat ir-rikorsi kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

**II. KONSIDERAZZJONIJIET.**

Illi f'din il-kawza l-erba' atturi Charles, Salvatore, John u Agostino ahwa Bartolo qed jitolbu li l-konvenut Francis Cuschieri jirrilaxxa l-istess art u razzett favur taghhom kemm peress li l-istess proprjeta' inghatat minn missier l-atturi u l-konvenuti Bartolo (u wkoll Emanuel Bartolo li ma huwiex parti mill-kawza) bil-patt li tigi ritornata lilhom fuq semplici rikjesta taghhom, u kif ukoll peress li jsostnu li l-istess razzett qed jintuza bla permess sabiex jitrabbew annimali fih, u wkoll ghaliex l-istess razzett thalla jizdinga ruhu; qed issir talba ukoll sabiex jigi likwidat sehem l-atturi mill-profitti derivanti l-uzu tal-istess razzett u raba', u fl-ahharnett sabiex l-konvenuti Francis u/jew Giuseppi Caruana jigu kkundannati ihallsu s-somma hekk likwidata bhala sehemhom mill-profitti derivanti mill-uzu tal-istess razzett u raba' ghas-snin kollhu hekk uzat.

Illi fil-fatt jirrizulta li Carmelo, Agostino, Salvatore, John, Joseph, Emanuel, Paola, Maria u Doris ahwa Bartolo wirtu lil missierhom Giuseppe Bartolo. Emanuel Bartolo ma huwiex parti minn din il-kawza. Wahda mill-proprjetajiet parti mill-wirt hija l-art u r-razzett mertu ta' din il-kawza gewwa Pwales Road, San Pawl il-Bahar.

Illi din ir-raba’ u r-razzett kienu ghand Giuseppe Bartolo b’titolu ta’ qbiela, u kien sar ftehim bejn l-istess Giuseppe Bartolo u l-konvenut Giuseppi Caruana sabiex l-istess art tinhadem minnu b’dan li l-profitti jinqasmu kwantu ghall-zewg terzi ghal Caruana, u terz jinghata lill-missier l-atturi u l-konvenuti Bartolo – fl-istess porzjoni kellhom jinqasmu l-ispejjez.

Illi dwar ir-razzett jidher li kien biss wara li sar dan il-ftehim li l-istess Giuseppe Bartolo kien halla lil Giuseppi Caruana izomm fih l-annimali, u iktar il-quddiem ghamel l-istess ma’ Francis Caruana, u hallih juza ambjenti ohra ghall-istess skop u dan jirrizulta mix-xhieda tal-konvenuti Joseph, Paola u Marija ahwa Bartolo, u Giuseppi u ibnu Francis Caruana u fil-fatt jinghad li din il-Qorti wara li ezaminat il-provi kollha prodotti thoss li f’dan il-kaz ta’ trobbija ta’ l-annimali fir-razzett, l-introjtu mill-istess kellu jinzamm mill-konvenuti Cuschieri, b’mod li l-ftehim li kien hemm dwar il-profitti mir-raba’ ma’ kienx jestendi ghall-uzu tal-istess razzett ghat-trobbija tal-annimali.

Illi f’dan il-kuntest din il-Qorti thoss li f’dan il-kaz l-allegazzjoni attrici ma gietx ippruvata, u fil-fatt qed taccetta l-versjoni tal-konvenuti Bartolo u Caruana fuq l-istess u dan fis-sens li l-istess konvenuti Cuschieri kienu awtorizzati sabiex juzaw l-istess ambjenti ghat-trobbija tal-annimali, u li qatt ma kien hemm ftehim li mill-istess profitti mit-trobbija tal-annimali, missier il-kontendenti Bartolo, jew l-istess ahwa Bartolo kellhom jiehdu xi sehem mill-istess profitti.

Illi jinghad ukoll li dwar l-allegazzjoni li r-razzett qed jintuza ghall-skop ta’ trobbija ta’ l-annimali li ma kenitx permessa minn Giuseppe Bartolo, din il-Qorti thoss li mill-kumpless ta’ provi jirrizulta li dan ma huwiex il-kaz, anzi gie pruvat li kemm Giuseppi Cuschieri u ibnu kienu gew inkoraggiti sabiex isir uzu mir-razzett ghat-trobbija tal-annimali u dan beda jsehh fiz-zmien meta kien ghadu haj Giuseppe Bartolo u kompliet isehh anke wara mewtu bil-kunsens ta’ uliedu, nkluz l-istess konvenuti Bartolo, li jixhdu dan b’mod mill-iktar kategoriku.

Illi fil-fatt jinghad li dwar l-uzu tar-razzett, jirrizulta li hemm kontradizzjoni serja *da parte* tal-istess atturi li minn naha l-wahda qed jitolbu li l-istess art u razzett jigu ritornati lilhom *inter alia* ghaliex il-konvenuti Cuschieri uzaw l-istess razzett sabiex jigu mrobbija l-annimali, liema uzu skont huma ma kienx permess minn missier il-kontendenti Bartolo, mentri fl-istess nifs qed jippretendu li l-konvenuti Caruana ihallsu lilhom is-sehem ta’ terz mill-profitti maghmula mit-trobbija tal-annimali a bazi allura ta’ allegat u/jew presunt ftehim milhuq bejn l-istess Giuseppi Bartolo u Giuseppi Cuschieri. Ghalhekk l-ewwel talba fuq din il-premessa qed tigi michuda.

Illi dwar l-allegazzjoni li l-istess razzett jinsab fi stat delapidat u b’mod li jinsab fi stat zdingat din il-Qorti thoss li tenut kont tal-uzu li sar mill-istess dan bl-ebda mod ma gie ppruvat, anzi mir-relazzjoni peritali jinghad li l-istess razzett ma huwiex la fi stat delapidat u lanqas fi stat perikoluz u b’hekk din l-ewwel talba fuq din il-premessa wkoll ma hijiex qed tigi milqugha.

Illi dwar l-premessa l-ohra ghat-talba sabiex tali art u razzett jigu rritornati mill-atturi jirrizulta li skont il-ftehim li kien intlahaq bejn missier l-atturi u l-konvenuti ahwa Bartolo u Giuseppe Cuschieri, dan kellu jigi ritornat biss jekk xi hadd mill-ahwa Bartolo jkollu xi hsieb li jahdem l-istess raba’ huwa, haga li ma giet bl-ebda mod ippruvata f’din il-kawza, tant li l-konvenuti Bartolo kollha ddikjaraw li ma jridux li tali raba’ tigi ghandhom, filwaqt li l-atturi ma esprimew din ix-xewqa bl-ebda mod, u dan anke *in vista* tal-fatt li l-istess atturi ahwa Bartolo li ghadhom hajjin huma wkoll pensjonanti.

Illi dwar l-introjtu mill-istess raba’ jirrizulta li l-biljett tal-pitkali kien inqaleb minn fuq Giuseppi Caruana ghal fuq Maria u Paola Bartolo u ghalhekk l-flus ghall-prodott li jinbiegh il-pitkali kienu jinhargu fuq isem l-konvenuti Maria u Paola Bartolo u dawn ta’ l-ahhar jghaddu zewg terzi lill-konvenut Francis Caruana (fol. 52)*.* Dan huwa konfermat ukoll mill-konkluzjonijiet tal-Perit Tekniku mahtur mill-Qorti a fol. 212. Fil-fatt jirrizulta mill-provi prodotti li l-istess konvenuti Cuschieri dejjem ghaddew l-istess introjtu mill-

imsemmija raba' lill-atturi, li kienu ghall-ewwel jigu migbura minn Giuseppi Bartolo, u wara l-hlas mill-pitkali kien isir lill-istess konvenuti Paola u Maria Bartolo, u l-istess introjtu kien jigi amministrat mill-konvenut Joseph Bartolo, li kien mbaghad ihallas is-sehem ta' zewg terzi lil Caruana.

Illi dan jinsab ammess mill-istess atturi fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom datata 22 ta' April 2008 (fol. 419) tant li qed jghidu li *"ghal dak li huwa profitti mir-raba' derivanti mill-Pitkali, is-sehem spettanti lill-atturi ghandu jithallas minn Paola u Maria".* Tenut kont tal-fatt li t-tieni u t-tielet talba huma diretti kontra l-konvenuti Cuschieri, din il-Qorti thoss li tali talbiet fil-konfront tal-istess konvenuti ma jistghux jigu milqugha ghaliex jirrizulta li l-istess konvenuti kienu ghaddew it-terz tal-profitt spettanti lill-werrieta ta' Giuseppe Bartolo lill-konvenuti Bartolo, u f'dan il-kaz ma hemm l-ebda dubju li dan sar billi l-introjtu mill-pitkali kien jithallas proprju lil imsemmija Paola u Maria Bartolo. Kien ghalhekk li l-istess atturi talbu b'rikors tat-22 ta' April 2008, il-korrezzjoni tat-tielet talba sabiex din tinkludi wkoll lill-ahwa Bartolo, talba li giet michuda b'digriet datat 6 ta' Mejju 2008 (fol. 431) ghaliex tali talba tmur lil hinn mill-parametri tal-**artikolu 175 tal-Kap. 12.** Dan huwa kollu kemm huwa sinifikanti meta jidher li l-konvenuti Bartolo gew imharrka f'din il-kawza biss "ghal kull interess li jista' jkollhom". F'dan il-kuntest il-Qorti taghmel riferenza ghal dak li inghad mill-konvenuti Bartolo kemm fir-risposta taghhom datata 29 ta' April 2008 (fol. 429) u fin-nota ta' osservazzjonijiet taghhom datata 3 ta' Gunju 2008 (fol. 432) inkwantu konsistenti ma' dak hawn deciz. B'hekk it-tieni u t-tielet talba kif proposti qed jigu michuda fir-rigward tal-konvenuti kollha.

Illi f'dan il-kuntest jinghad ukoll li in kwantu c-citazzjoni attrici hija diretta kontra l-konvenuti ahwa Bartolo, certament li rigward l-ewwel talba attrici huma ma humiex il-legittimi kontradditturi u dan peress li l-istess raba' u razzett jinsabu fil-pussess tal-konvenut Francis Caruana; fir-rigward tat-talbiet l-ohra jidher car li t-talbiet attrici huma diretti kontra l-istess konvenuti Carauna u allura l-istess talbiet qatt ma jistghu jigu milqugha fl-azzjoni kif imposta

fil-konfront tal-konvenuti Bartolo. Dwar it-tieni eccezzjoni ghalkemm huwa minnu li Emanuel Bartolo baqa' mhux parti mill-kawza – dan wahdu ma' huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni attrici **("Adelaide Ellul et vs Modern Crown Stoppers Limited"** – A.I.C. (PS) – 12 ta' Novembru 2003; **"David Darmanin vs Maria Darmanin"** – P.A. (TM) – 20 ta' Ottubru 2005). Fl-ahharnett fil-kuntest ta' dak fuq deciz ir-raba' eccezzjoni qed tigi milqugha.

Illi dwar l-ecezzjonijiet tal-konvenuti Caruana t-talbiet attrici qed jigu michuda peress li ma gewx ippruvati ghar-ragunijiet hawn decizi u f'dan il-kuntest qed tigi wkoll milqugha r-raba' eccezzjoni tal-istess konvenuti.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici qed jigu michuda ghaliex infondati fil-fatt u fid-dritt.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghall dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta u tiddecidi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel u r-raba' eccezzjoni tal-konvenuti Bartolo u wkoll ir-raba' eccezzjoni tal-konvenuti Caruana u dan in kwantu konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici** peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------